31983R0148

22.1.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 18/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 148/83
tal-21 ta' Jannar 1983
li jintroduċi sistema ta' sorveljanza li tosserva l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3796/81 tad-29 ta' Diċembru ta' l-1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 25(5) u 31 tiegħu,

Billi ir-rifużjonijiet fuq prodotti tas-sajd huma fissi b'referenza għall-importanza ekonomika ta' l-esportazzjonijiet ippjanati;

Billi s-sitwazzjoni f'ċerti swieq li jikkostitwixxu l-istabbilimenti prinċipali għall-kavalli sħaħ iffriżati ma hijiex stabbli; billi għandha tiġi introdotta sistema ta' sorveljanza sabiex ix-xejra ta' l-estportazzjonijiet tista' tiġi monitorjata aktar mill-viċin;

Billi, għal dan il-għan, għandu jkun hemm sistema ta' komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex ċerta informazzjoni supplimentarja meħtieġa għall-iffissar tar-rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet tista' tinkiseb f'intervalli regolari;

Billi il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestjoni għal Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-introduzzjoni ta' sistema ta' sorveljanza li tħares l-esportazzjoni tal-kavall sħiħ u ffriżat fi ħdan is-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, għal kull xahar tas-sena u mhux iktar tard minn tliet ġimgħat wara x-xahar in kwistjoni, id-data elenkata fil-forma fl-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika l-ewwel għad-data ta' Settembru 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Jannar 1983.

Għall-Kummissjoni

Giorgios CONTOGEORGIS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 379, tal-31.12.1981, pġ. 1.

ANNESS

FORMULA DWAR IL-KAVALL SĦIĦ IFFRIŻAT LI JIKKWALIFIKA GĦAR-RIFUŻJONIJIET TA' L-ESPORTAZZJONI.

Data li għandha tiġi mgħoddija lill-Kummissjoni:

I. Operazzjonijiet ta' rifużjoni għax-xahar ta'.....198 .....

A. Total ta' esportazzjoni: ..... tunnellati metriċi

B. Li minnhom (speċifika t-tunnellaġġ maqsum skond il-pajjiż tad-destinazzjoni)

..... : ..... tunnellati metriċi

C. Informazzjoni oħra disponibbli (eż. L-esportazzjonijiet magħmula minn operaturi mill- Istat Membru f'isem operaturi fi Stat Membru ieħor.

II. Provvista ta' kavalli maħsuba għall-esportazzjoni matul ix-xahar ta' ..... 198 .....

A. *Friski:*

1. Qabdiet minn bastimenti nazzjonali: ..... tunnellati metriċi

2. Qabdiet minn bastimenti ta' Stati Membri oħra (speċifika it-tunnellaġġ, maqsum skond l-Istat Membru).

..... : ..... tunnellati metriċi

B. *Tal-Friża:*

Irċevuti tal-kavall tal-friża mill-Istati Membri oħra (speċifika it-tunnellaġġ maqsum skond l-Istat Membru)

..... : ..... tunnellati metriċi

C. Informazzjoni oħra disponibbli (eż. Bejgħ fuq il-baħar u bejgħ fuq l-art)

D. — Ħażniet fl-ewwel jum tax-xahar: ..... tunnellati metriċi
— Ħażniet fl-aħħar jum tax-xahar: ..... tunnellati metriċi

III. Lokalitajiet fejn il-kavalli friski kif imsemmi fi II iktar 'il fuq kienu pproċessati

A. L-ipproċessar minn operaturi mill-Istat Membru esportatur:

..... tunnellati metriċi

li minnhom ..... tunnellati metriċi iffriżati fuq l-art

li minnhom ..... tunnellati metriċi iffrizati abbord

B. Jekk ikun disponibbli, l-ipproċessar minn operaturi mill-Istati Membri oħra (speċifika fejn possibbli t-tunnellaġġ kif maqsum mill-Istat Membru).

..... : ..... tunnellati metriċi

(a) li minnhom ..... tunnellati metriċi ffriżati fuq il-baħar

(b) li minnhom ..... tunnellata metrika ffriżata abbord

IV. Informazzjoni oħra relevanti